*- PAGAMENT PER SALDO -*

*- ONERU TA' PROVA FUQ MIN JALLEGA TALI PAGAMENT -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 40**
**Citazzjoni Numru: 233/98/RCP**

**Cristino Ciantar**

**vs**

**Philip D'Amato u martu Marica D'Amato**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi permezz ta' skrittura privata datata l-14 ta' Jannar 1993 u redatta min-Nutar Anthony Agius (vide Dok. "A") l-attur

silef lill-konvenut Philip D'Amato is-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000), liema somma kellha tithallas lura entro l-perjodu ta' hames (5) snin.

Illi minkejja li skada t-terminu pattwit ghall-pagament, il-konvenut Philip D'Amato baqa' moruz u la hallas l-imsemmija somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) u lanqas l-imghax ta' disa' mitt lira (Lm900), u dan minkejja li gie interpellat biex jaghmel dan permezz ta' ittra bonarja datata 19 ta' Jannar 1998 (vide Dok. "B").

Illi ghaldaqstant l-konvenuti huma veri, certi, u likwidi debituri tal-attur fis-somma ta' tlett elef u disa' mitt lira Maltija (Lm3,900).

Illi peress li jikonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh.

Illi ghalhekk l-konvenuti talbu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri tal-attur fis-somma ta' tlett elef, u disa' mitt lira Maltija (Lm3,900).

3. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' tlett elef, u disa' mitt lira Maltija (Lm3,900).

Bl-ispjjez kollha u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 8 tal-process;

Rat l-affidavit tal-attur a fol. 6 tal-process.

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu 1998 fejn il-konvenuta ddikjarat li tammetti t-talbiet. Dr Agius iddikjarat illi l-konvenut ghandu eccezzjoni valida x'jaghti u din hija dwar il-pagament tal-kreditu mitlub, li huwa lest jipprova permezz ta' xhieda u ghalhekk talbet li tinghata l-opportunita` li tipprezenta Nota ta' Eccezzjonijiet. Dr Cilia ddikjara li rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li fic-cirkostanzi l-kawza tinstemgha fil-kors ordinarju taghha u ppreffiggiet lill-konvenut ghoxrin jum zmien biex jipprezenta in-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu. Il-kawza giet differita ghat-22 ta' Mejju 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 16 tal-process:

1. Illi l-allegazzjonjiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-debitu gie mhallas a saldu madwar sena u nofs ilu u cioe` qabel ma' l-konvenuti bdew il-proceduri ghas-separazzjoni, fil-prezenza ta' hut il-konvenut, John D'Amato u Philippa D'Amato.

2. Illi din il-kawza qed isir semplicement per konsegwenza tad-dizgwid familjari li nholqot bis-separazzjoni tal-konvenuti D'Amato.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 17 tal-process;

Rat il-verbali tat-22 ta' Mejju 1998, tat-8 ta' Jannar 1999, tal-21 ta' Mejju 1999 fejn xehed il-konvenut, tat-28 ta' Gunju 1999 fejn xehed in kontro-ezami l-konvenut, tat-23 ta' Frar 2000 fejn Dr Cilia ddikjara li fil-mori tal-kawza saret separazzjoni konsenswali bejn il-konvenuti u rega' xehed il-konvenut, tal-10 ta' Mejju 2000, tal-11 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, u tat-23 ta' Novembru 2000 fejn peress li la dehru l-konvenuti u lanqas id-difensuri

taghhom il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Marzu 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-5 ta' Dicembru 2000 u d-digriet tal-Qorti tas-6 ta' Dicembru 2000 fejn il-Qorti ordnat lir-rikorrenti sabiex fi zmien erbat ijiem mid-data ta' dan id-digriet jindika l-istess xhud.

Rat in-Nota ta' Philip D'Amato tat-12 ta' Dicembru 2000 u d-digriet tad-19 ta' Dicembru 2000 fejn laqghet it-talba u ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza b'dan li l-konvenut kellu jipprezenta x-xhieda indikati bil-procedura tal-affidavits fi zmien 30 jum bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti u b'rizerva tal-kontro-ezami u halliet il-kawza ghall-konkluzjoni tal-provi ghas-6 ta' Marzu 2001, u ordnat n-notifika ta' dan id-digriet lid-difensur tal-kontro-parti fi zmien 10 ijiem a spejjez tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu 2001 u tal-24 ta' Mejju 2001 fejn Dr Chris Cilia talab li l-kawza tmur ghas-sentenza, il-Qorti rat id-digriet taghha tad-19 ta' Dicembru 2000 fejn ordnat li l-konvenuti iressqu l-provi taghhom bil-procedura tal-affidavit fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data tad-digriet, rat li l-istess konvenuti ma ressqu ebda provi fit-terminu indikat fl-istess digriet bil-procedura tal-affidavits u ghalhekk il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi mill-provi prodotti jirrizulta mhux kontestat li l-konvenut Philip D'Amato ikkostitwixxi ruhhu bhala veru cert u likwidu debitur tal-attur fl-ammont ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) kif jirrizulta wkoll mill-iskrittura ta' debitu redatta min-Nutar Antione Agius, datata 14 ta' Jannar 1993, kif jirrizulta minn kopja awtentikata tal-istess skrittura esebita bhala Dok. "A" a fol. 7 tal-process.

Illi jirrizulta mill-istess skrittura li tali somma kellha tigi rifuza mill-konvenut lill-attur fi zmien hames (5) snin mid-data tal-istess skrittura bl-imghax ta' mitejn lira (Lm200) fis-sena.

Illi l-konvenut qed jallega li hallas l-istess somma ghas-saldu circa sena u nofs qabel il-prezentata tal-eccezzjonijiet tieghu fil-25 ta' Marzu 1998, li jigi bejn wiehed u iehor f'Ottubru/Novembru tas-sena 1996.

Illi fix-xhieda tieghu l-istess **konvenut** sostna li huwa kien hallas l-istess ammont quddiem huh John D'Amato u martu Filippa D'Amato, u l-konvenuta, u dan il-flat li kien jikri r-Rabat u dan fiz-zmien fejn l-konvenuti ma kienux ghadhom bdew jipprocedu ghas-separazzjoni, li kien ghaddej biha fiz-zmien li xehed quddiem din il-Qorti fil-21 ta' Mejju 1999.

Illi sostna li l-ittra legali tad-19 ta' Jannar 1998 indirizzata 2, Alley 1, Siggiewi Street, Zebbug huwa ma rcevijiex, peress li huwa kien joqghod fl-indirizz indikat fil-karta tal-identita' tieghu 3, Sqaq Numru 5, Triq il-Kbira, Zebbug, fejn ghadu joqghod sallum, u l-indirizz indikat fl-istess ittra huwa dak ta' missieru, li pero' lanqas joqghod hemm ghaliex immur joqghod ma binthu fl-ahhar indirizz imsemmi.

Illi fil-kontro-ezami tieghu gie mitlub biex jispjega kif allura fil-11 ta' Dicembru 1998 huwa gie notifikat fl-indirizz 2, Alley 1, Triq is-Siggiewi, Zebbug, u huwa sostna li l-istess atti gew moghtija lilu minn ohtu jew missieru, kif jaghmlu s-soltu meta jmorru hemm, pero' l-istess ittra legali qatt ma inghatat lilu. Huwa sostna li kien waqaf jirrisjedi hemm xi sena u nofs qabel d-19 ta' Jannar 1998, u dan baqa' jostnieh nonostante li r-rikors tat-13 ta' Novembru 1997 esebit a fol. 37 u 38 tal-process hemm indikat l-indirizz tieghu proprju dak ta' 2, Alley 1, Siggiewi Street, Zebbug.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Frar 2000 l-konvenut esebixxa ittra legali datata 27 ta' Jannar 1998 b'risposta ghall-ittra datata 19 ta' Jannar 1998 tal-attur, pero' xorta sostna li ma jafx jekk irceviex l-ittra tad-19 ta' Jannar 1998.

Illi ma hemm l-ebda dubju li la darba l-konvenut Philip D'Amato qed jallega li huwa hallas *per saldo* lill-attur, huwa l-oneru tieghu li jaghmel tali prova, izda fl-opinjoni ta' din il-

Qorti dan ma ghamlux, anke ghaliex il-versjoni tieghu ma jirrizultax li hija verosimili, u lanqas veritiera.

Illi fil-fatt fl-eccezzjonijiet tieghu tal-25 ta' Marzu 1998 huwa ssostna li hallas lill-attur xi sena u nofs qabel, li jigu bejn wiehed u iehor f'Ottubru/Novembru 1996; fl-ittra tieghu tas-27 ta' Jannar 1998, skond l-istess ittra b'risposta ghall-ittra legali tal-attur tad-19 ta' Jannar 1998, jghid ukoll li kien hallas *"madwar sena u nofs ilu qabel ma bdew il-proceduri ta' separazzjoni".* Mela allura minn din l-ittra qed jghid li l-hlas sar fl-Lulju/Awissu 1996, u taht dan l-aspett li jirrigwarda l-allegat hlas lura tal-ammont mertu tal-kawza odjerna certament li ma hemm l-ebda konsistenza fix-xhieda tal-istess konvenut.

Illi jinghad li d-data meta sar il-pagament kienet importanti ghall-istess konvenut, tenut kont tal-fatt li skond l-iskrittura huwa kellu terminu ta' hames (5) snin mill-14 ta' Jannar 1993 sabiex ihallas, cioe' sal-14 ta' Jannar 1998, u *di piu`* kien jiddekorri fuq l-istess somma ta' Lm3,000 l-imghax ta' Lm200 fis-sena. Dan ovvjament irendi l-versjoni tal-istess konvenut iktar mhux kredibbli.

Illi jekk wiehed jezamina ukoll it-tezi tal-konvenut wiehed issib li dan ghalkemm sostna li hallas *per saldo*, huwa sostna li ma talab l-ebda ricevuta ghaliex kien jafda lill-attur; pero' dan l-attegjament certament li ma jaghmilx sens, meta l-konvenut kien jaf li kien hemm skrittura, iffirmata minnu, fejn huwa irrikonoxxa ruhu bhala debitur

tal-attur fis-somma hemm indikata u bl-imghax hemm pattwit. Din ma kienitx kwistjoni jekk tafdax jew le, imma kwistjoni li l-affarjiet li jsiru, kemm is-self, l-kostituzzjoni ta' debitu, u l-allagat hlas jew rifuzzjoni tal-istess, ikun hemm prova taghhom, u certament li l-attegjament tal-istess konvenut f'dawn ic-cirkostanzi ma huwiex spjegabbli ghaliex ma kienx fl-interess tieghu innifsu, specjalment meta wiehed qed jitkellem fuq somma sostanzjali li s-self taghha gie dokumentat mill-istess skrittura redatta min-Nutar Antoine Agius.

Illi apparti minn dan kieku vera li dan il-hlas sar kif allegat mill-konvenut, dan ma spjega bl-ebda mod ghaliex hallas l-istess somma qabel it-terminu li kien obbligat li jhallas l-istess *ai termini* tal-istess skrittura.

Illi jinghad ukoll li l-istess konvenut hallas is-somma ta' Lm3,100 *per saldo,* u f'dan il-kuntest huwa misteru kif l-istess konvenut wasal ghal tali somma, minhabba li l-komputazzjoni tal-imghax ta' Lm200 fis-sena skond l-istess dokument tal-14 ta' Jannar 1993, iwassal ghal somma ikbar.

Illi fl-ahharnett il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda kollha tal-konvenut fejn sostna konsistentement li huwa qatt ma ircieva l-ittra legali tat-19 ta' Jannar 1998 stante li huwa ma kienx joqghod fil-post indikat fl-istess ittra, cioe' 2, Alley 1, Siggiewi Street, Zebbug, meta jirrizulta li huwa irrisponda ghall-istess ittra b'ohra tieghu tas-27 ta' Jannar 1998, u

fejn f'din l-ittra responsiva huwa stess jindika bhala l-indirizz tieghu dak proprju ta' 2, Alley 1, Siggiewi Street, Zebbug.

Illi fil-fatt l-istess konvenut sostna li huwa lanqas kien ghadu jghix hemmhekk, pero' xorta wahda jirrizulta mill-process li gie notifikat bic-citazzjoni attrici fl-istess indirizz ta' 2, Alley 1, Siggiewi Street, Zebbug fil-5 ta' Frar 1998 (*a tergo fol.1)* u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fil-25 ta' Frar 1998 (*a tergo fol. 12)* u z-zewgt' atti gew notifikati lilu personalment, u mhux kif sostnu hu, gew moghtija lilu minn ohtu jew missieru. Illi ghalhekk lanqas f'dan ma huwa kredibbli l-istess konvenut, li dwar l-istess kaz, huwa wkoll kontradett minn martu l-konvenuta, li ammettiet t-talbiet attrici.

Illi ghalhekk abbbazi tal-premess jirrizulta li l-konvenut Philip D'Amato ma rnexxilux jipprova l-allegazzjoni tieghu, li huwa hallas lill-attur l-ammont mitlub *per saldo,* anzi mill-provi jirrizulta li l-allegazzjoni tal-istess konvenut hija kompletament bla bazi, u x-xhieda minnu moghtija hija inveritiera, mhux kredibbli, inverosimili, u mhux kkorroborata fl-ebda dettal la minn xhieda u lanqas minn dokumenti, u ghalhekk l-konvenut ma rnexxilux jissodisfa l-oneru ta' prova ta' pagament li kien jispetta lilu in vista tal-allegazzjonijiet minnu maghmula.

Illi ghalhekk fil-kuntest ta' dak kollu premess, it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip D'Amato, u fuq ammissjoni tal-konvenuta Marica D'Amato, **tilqa' it-talbiet attrici** b'dan illi:-

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri tal-attur fis-somma ta' tlett elef, u disa' mitt lira Maltija (Lm3,900).

3. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' tlett elef, u disa' mitt lira Maltija (Lm3,900).

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici lill-konvenut fil-5 ta' Frar 1998 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti, u bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Mejju 2001.**